**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 20 – IT-TLIETA, 13 TA' MARZU 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Janet Barthet | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Salvatore Mousù | Membru |

## 1 Minuti Numru 19

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sinjorina Janet Barthet ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman*

2.1 Saret diskussjoni rigward ilment li għamel is-Sur Martin Caligari, resident li joqgħod fi Triq Birkirkara. Dan ilmenta li din it-triq hija perikoluża minħabba karozzi li jgħaddu b'veloċità qawwija. Għandha ssir laqgħa bejn is-Sur Caligari u s-Segretarju Eżekuttiv fuq il-post.

## 3 Affarijiet Oħra

3.1 Ġie deċiż li ssir il-Laqgħa Annwali għar-residenti tal-Kappara nhar it-Tlieta, 10 ta' April fis-7.00 ta' filgħaxija.

3.2 Ġie innutat li l-*planters* il-ġodda li hemm fi Ġnien G M Camilleri għadhom bla pjanti. Ġie deċiż li jitħawlu pjanti f'dawn il-*planters*.

3.3 Ġie innutat li s-*soft area* ta' taħt Triq il-Kuċċard qiegħda f'kundizzjoni ħażina. Għandha ssir talba lill-MRRA biex din titnaddaf peress li din tinsab fi triq arterjali.

3.4 Ġie deċiż li ssir *leaflet* ta' daqs A4 bix-xogħlijet li ser isiru fil-Kappara.

3.5 Ġie innutat li t-taraġ li jinsab fi Triq il-Kuċċard li jagħti għat-triq ta' taħt jiżloq ħafna. Għandha ssir *site visit* biex naraw x'jista' jsir.

3.6 Ġie innutat li *Sundown Court* ħareġ ħafna zkuk barra fuq il-bankina, imma wara pressjoni, dan naddafhom.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' April 2012 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**